MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1943/1998/1

**Fithome Limited**

***vs***

**Perit John M. Gambina**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha is-socjeta` attrici ppremettit illi
Peress illi s-socjeta` atrici kienet ghamlet diversi fornituri ta' xoghol ta' ghamara u injam lill-konvenut jew fuq ordni tieghu;

Peress ukoll illi l-istess socjeta` attrici ghamlet diversi fornituri ta' "hardware" lill-konvenut jew fuq ordni tieghu;

Peress illi l-bilanc komplessiv dovut lis-socjeta` attrici, mill-konvenut, fuq valur ta' dawn il-fornituri kollha huwa ta' tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u ghoxrin Lira u tmenin centezmu (Lm23,820.80) skond kif jirrizulta mill-prospett hawn anness u markat bhala dokument "A";

Peress illi l-konvenut naqas milli jhallas dan il-bilanc minkejja li dan gie interpellat permezz ta' ittra bonarja tal-10 ta' Gunju, 1998 li kopja taghha tinsab hawn annessa u markata Dokument "B" u li lanqas wiegeb ghaliha;

Peress illi Alfred Vella, direttur tas-socjeta` attrici u li ghandhu r-rapprezentanza gudizzjarja taghha, halef li l-kreditu hawn imsemmi huwa wiehed cert, likwidu u dovut u li sa fejn jaf hu, il-konvenut m'ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba infraskritta;

Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandiex, prevja li tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u ghoxrin Lira u tmenin centezmu (Lm23,820.80) ghar-ragunijiet premessi bl-imghaxijiet mid-data ta' kull fattura kif riprtata fil-prospett Dokument "A" u bl-ispejjez kontra tieghu, filwaqt li huwa ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.34 tal-process fejn jeccepixxi:**

1. Illi fl-ewwel lok jeccepixxi in-nullita` tal-proceduri stante li l-attur kien jaf li l-ecipjent ghandu eccezzjonijiet x'jaghti u li qed jikkontesta t-talba mill-korrispondenza twila u kopjuza li giet skambjata bejn il-partijiet u ghalhekk qatt ma seta` jahlef, kif ghamel, li l-esponent m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni uhud mill-partiti huma preskritti skond l-art. 2148 (a), 2149 (a) jew in subsidium skond l-art. 2156

(f) tal-Kodici Civili u 2148 (b) tal-istess Kodici skond ma hu applikabbli ghad-diversi partiti mitluba fic-citazzjoni.
3. Illi ma kienx hemm ftehim preventiv dwar il-prezzijiet ta' l-partiti indikati u l-eccipjent qed jikkontesta il-prezz mitlub ghax dan huwa eccessiv.
4. Illi inoltre dwar xi partiti l-eccipjent ghandu id-dritt li jesigi il-hlas ta' penali ghall-"late delivery".
5. Illi dak kellu li ghandha tiehu is-socjeta` attrici kien fil-kontest ta' "joint venture" li kienet tezisti bejn il-partijiet u l-esponent gja intavola kawza flismijiet inversi li qed tinstema kontestwalment ma din il-kawza, fejn qed jippretendi hlas li hu ferm u ferm akbar mill-ammont mitlub fic-citazzjoni u il-pretensjoni tal-attur f'din il-kawza trid titqies ukoll fid-determinazzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi.
6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat il-verbal a fol 184;
Rat in-noti tal-partijiet;

**Konsiderazzjonijiet**

Illi dina l-kawza nstemghet flimkien mal-kawzi 1672/1998 u 276/2005 li huma bejn l-istess partijiet u fuq l-istess negozju. Fil-kawza 276/2005 hemm imdahhla wkoll is-socjeta' Fithome Interiors Limited.

F'dina l-kawza l-kumpanja attrici Fithome qed tippretendi kreditu ta' Lm 23,820.80 minghand il-konvenut ghal diversi fornituri ta' xoghol ta' ghamara u njam fuq ordni tieghu (Dok A a fol 5). Ghalkemm l-konvenut kien ressaq diversi eccezzjonijiet, skond verbal tal 14 ta' Novembru 2007 ( ara fol 184 ) hu rtira l-ewwel, t-tielet u raba' eccezzjoni cjoe kollha, hlief dika tal-preskrizzjoni u hames eccezzjoni li l-pretensjoni ta' Fithome ghandha titqies ukoll fil-kuntest tal-kawza dwar il-joint venture.
Il-konvenut xehed li d-dejn reciproku bejniethom kellu jigi diskuss u ssettiljat meta jissettiljaw l-appalt ta' Air Terminal. Ighid li s-socjeta attici kienet baghtitlu l-invoices meta diga parti kbira minnhom kienu preskritti. Dawn kienu jirrapprezentaw xoghol ta' injam li sar bejn in 1990 u

l-bidu tan 1994. Hu kien talabhom ghal dawn l-invoices biex ikunu jistghu jsiru l-konteggi bejniethom. Fil-fatt dawn intbaghtu fin 1995.

Il-konvenut xehed li l-kont ta' Lm 2616.20 Dok E hu datat mit- 12/10/1992 sa 18/7/1995 u ntalab mis-socjeta attrici f'Ottubru 1998 ghalhekk huwa preskritt. L-invoice No. 34 hi tas-sena 1990 u xoghol li sar bejn 1993 u 1994 u l-pagament intalab f'Ottubru 1998 ghalhekk preskritti wkoll.

Il-konvenut issottometta li anke jekk dawn l-invoices mhumiex preskritti, xorta wahda, diversi minnhom qed jigu kkontestati minhabba xoghol hazin li sar jew ghax xi konsenji kienu tardivi. Il-Qorti tirrileva izda li l-eccezzjoni li nghatat f'dan is-sens, giet irtirata kif jirrizulta mill-verbal fuq indikat a fol 184.

Il-konvenut mhux qed jichad li x-xoghol li tieghu s-socjeta attrici qed titlob il-hlas, sar. Hu pero' jikkontendi li parti mill-invoices huma preskritti.

Illi mill-eccezzjoni stess tal-konvenut jidher li dak li kellha tiehu is-socjeta` attrici irid jigi konsidrat fil-kontest tal "joint venture" li kienet tezisti bejn il-partijiet u ghalhekk il-pretensjoni tas-socjeta attrici f'din il-kawza trid titqies ukoll fid-determinazzjoni tal-kawzi l-ohra (decizi llum) fl-ismijiet inversi.

Skond il-konvenut dina l-eccezzjoni tieghu mhiex inkompatibbili ma' l-eccezzjoni l-ohra tieghu tal-preskrizzjoni ghaliex tikkonferma li d-dejn ma kienx thallas.

Skond l-awtur Troplong "Vi ha rinunzia tacita alla prescrizione quando il debitore, senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, e l'espressione usata dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore ma non riconcosceva essere esatta la somma." (Troplong - Prescrizione No 67, Aubrey et Rau V111 para 776.)
Gie ritenut mill-Qrati taghna illi " l-preskrizzjoni tista' tigi interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-

krredituri tieghu u li kontra tieghu tkun bdiet timxi l-preskrizzjoni. Huwa risaput li fil-kaz li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun diga' ddekorra, ir-rikonoxximent tad-debitu jekwivali ghar-rinunzja ghall-effetti tal-preskrizzjoni. (Ara Vol. XXXIV, P.II, p.742; Carmelina Vella et vs Anthony Borg deciza fis-16 ta' Settembru, 1994).

Fil-kaz in ezami jirrizulta mill-provi li l-konvenut tant kien jaf li kellu jaghti lis-socjeta' attrici li huwa talabha biex tibghatlu l-kontijiet biex jissettilja l-kwistjoni fil-kuntest ta' l-appalt ta' l-airport terminal. Kien hu stess li talab lis-socjeta attrici biex tibghatlu l-kontijiet biex jissettiljahom. "Gie milqugh mill-gurisprudenza taghna d-dritt li jaghti lok ghall-konservazzjoni tal-jedd kontra l-estinzjoni ta' l-azzjoni fil-kaz ta' impediment ta' dritt meta l-azzjoni gudizzjarja li tkun qed tigi ezaminata biex jigi stabbilit jekk hemmx preskrizzjoni jew le tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament gudizzjarju iehor, li sakemm ma jigix pronunzjat, ma jippermettix li l-perkors tal-perjodu preskrittiv jibda u jibqa' miexi". Fil-kaz in ezami mill-eccezzjoni stess tal-konvenut jidher car li l-kont tas-socjeta' attrici kellu jigi ssettiljat meta tigi settiljata l-kwistjoni dwar il-kont tal-airport terminal.

Ghalhekk l-azzjoni attrici mhiex preskritta.

L-ammont mitlub fic-citazzjoni ma giex kontestat mod iehor, konsegwentement it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti tiddeciedi;
Billi tilqa t-talba attrici u
Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont mitlub ta' Euro 55487.54;
Bl-ispejjez kontra tieghu;
U bl-imghax mid-data ta' kull fattura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------